# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Noel Micallef

Illum 4 ta’ Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’Noel Micallef bin Emanuel u Annie nee’ Mifsud imwieled fil-24/12/1970 u joqghod 174, Sacro Cuor, Triq il-Palma, Paola. ID 67571M.

Billi int akkuzat talli fil-15 ta’ Dicembru, 2020 ghall-habta ta’ 07:15 hrs Fi Triq il-Qaliet, Marsaskala soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni HAS 731.

1. U aktar talli b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt hruq jew ghamilt hsara jew gharraqt xi haga , minhabba f`hekk Joseph Zammit baghta offiza gravi fuq il-persuna ta’ bil-konsegwenzi

msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Maria Laura Vella MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikol u 328( c) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni

Semghet ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ps 157 S Crech u t-tabiba Maria Laura Vella</u>** xehdu permezz ta' affidavit

**<u>Joseph Zammit,</u>** xehed hekk:

Pros: Sur Zammit kellek xi inċident awtomobilistiku inti?

Xhud: Ijja.

Pros: Spjegalna wahda meta fejn u kif ġara l-inċident Li ġara Wied il-Ghajn kien jiena kont nieżel.

Pros: It-triq?

Xhud: Triq il-Qaliet Wied il-Ghajn.

Pros: Liem parti għax dik pjuttost twila dik it triq?

Xhud: Fil-parti t'isfel fejn l-isparkle Image.

Pros: Tajjeb wisq.

Qorti: Fejn xiex mhux qed nisma' xejn jiena fejn?

Xhud: Fejn l-Sparkle Image.

Pros: Id-direzzjoni int u tiela'?

Xhud: Jiena nieżel kont ħiereġ minn Marsaskala.

Pros: X'kont qed issuq sinjur inti?

Xhud: Mutur.

Pros: Tafu number plate tiegħu?

Xhud: CBF 126.

Qorti: Mela x`data kienet?

Xhud: 15 ta1` Dicembru sentejn ilu 2021.

Pros: X'iktar, erġa' spjegalna biex kont għaddej inti kont qed issuq spjegalna erga?

Xhud: Kont nieżel l-isfel bil-mutur fin-niżla u dar Noel u laqatni dhalna go xulxin bil-karozza u bil-mutur.

Pros: Noel min hu Noel?

Xhud: Noel Micallef.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat, dar x`igifieri dar?

Xhud: Kien niezel u kien diehel id-dahla huwa.

Qorti: Ma nafx fejn hi id-daħla sinċerament x`għamel eżattament?

Pros: Jiġifieri inti ġo xiex kont?

Xhud: Jien kont nieżel triq il-Qaliet huwa kien dieħel id-daħla biex jidħol naħa l-oħra.

Qorti: Imma xorta mhux qed nifhem jien ma nafx it-toroq ta' Malta kollha trid jgħidli x' għamel l-ieħor.  Id-daħla jien naf x' daħla qed jgħid. Supermarkets Banek kollox jgħidu li jiena Malta ma nafhiex kollha kull triq u kull ħaġa li hemm ġo fiha. Mhux xi oħra bla skecc dan. Ma nafx mhux qed nifhmu. M'iniex qed nifhem x'qed jgħid daħla xi tkun? Ma nafx x' tista' tkun daħla ta' triq tista' tkun daħla ta' garaxx.

Pros: Spjegalna ghax ahna ma konniex hemm sinjur?

Xhud: Dahla ta triq biex imur u jidhol fi triq ohra huwa jien kont niezel u intlaqatna.

Qorti: Dar ghall-quddiemek jigifieri?

Xhud: Ijja, biex jidhol ghall go triq ohra.

Qorti: Jiġifieri mit-triq tiegħu ġie fit-triq tiegħek fil-lane tiegħek, gie jiġifieri dar għal quddiemek biex imur ġo triq laterali biex imur ġo triq ohra?

Xhud: Ijja ehe, u lhaqna intlaqatna ghax umbagahd hemmekk ma tistax tieqaf aqqas kie qeghda it-triq.

Pros: F'liema f'liema ħin rajtu inti s-sinjur?

Xhud: Liema ħin.

Pros: Inti kont qed issuq liema ħin imbagħad ġara l impatt?

Xhud: Kif dar hareg u rajtu ovvja mbagħad.

Pros: B'liema mod kien qed isuq Noel b'liema mod kien qed isuq?

Xhud: Bil-mod kif qed isuq hu, daħal għad-daħla li ħa dan hu naħseb ma ranix ovvjament mhux ma nahxsibx ha jtajjarni bil-mutur u jiena lhaqt haddtu wara.

Pros: Għalfejn qed taħseb li ma rakx sinjur?

Xhud: Ma nafx ghall-liema raguni.  Konsegwenza ta' dan l-inċident x`ġaralek?

Xhud: Spiċċajt saqajha fil-ġibs mbagħad.

Pros: Kemm domt sinjur biex tfieq?

Xhud: Ghamilt xahar.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Kontro Ezami, Inti tħallast mingħand l-insurance tal-ħsara li kien hemm jekk jogħġbok?

Xhud: Tal-insurance hadt tal-mutur.

Avu: Għandek xi kawża l-qorti fuq saqajk?

Xhud: Le le.

Avu: Inti fil-konfront ta` Noel Micallef trid xi haga jekk jogghbok?

Xhud: Le aħna rranġajna ġodda minn naħa tagħna ġa irrangajna tahfirlu?

Xhud: Nahfirlu nahfirlu.

Avu: L-ispeed tiegħu kien qawwi jew kif kien l-ispeed?

Xhud: Le lanqas xejn gifieri l-ispeed tieghu kien baxx u fejn laqqtek gifieri inti u niezel dahal fik jew gejtu quddiem xulxin?

Xhud: Ġejna quddiem xulxin u jiena skapulajtu ovvja u biex niskapulah qlajt daqqa fuq wara umbaghad.

Avu: Waqt li qed tiskapula waqajt bil-mutur niżel l-mutur l-isfel.

Xhud: Dhalt ġol-karozza tiegħu.

Xhud: Imma għax ma tantx hemm fejn tieqaf hemm fin-niżla.

Avu: Xejn iktar mix-Xhud sinjura Maġistrat.

**Noel Micallef,** xehed hekk:

Avu: Tista' tgħidilna x'ġara jekk jogghbok fil-ġurnata?

Xhud: Mela filgħodu xi 6 u xi ħaġa ta' filgħodu kont qed naħdem Wied il-Għajn u fil-kantuniera hemm ħanut tal-pastizzi u triq li semmielek ir-raġel Sparkle Image ma dħaltx wrong side u hekk jiena dik in-niżla fiha kisra kera u veru ma tindunax min ikun ġej fiha għax jekk tinnotaha hemm kissra u niżla jigri l-mutur fiha niżla u jiena ma rajt lil ħadd sintendi u mhux ħa naqsam kieku u qsamt triq normali, jiġifieri tajba mhux in one way jew wrong side dhal- fit triq normali biex nieħu belgħa kafè għand tal-pastizzi,

Qorti: Gejt fil-lane tiegħu?

Xhud: Mhux fil-lane biex nidħol,

Qorti: Qsamt fil-lane tieghu biex tidhol fit-?

Xhud: Le jien waqaft hekk ghax hu jkun niezel bilfors irrid naqsam fil-lane tieghu,

Qorti: Eee mela dhalt fil-lane tieghu uu.

Xhud: Imma hi triq nizla u telgha.

Qorti: Iva grazzi imma biex tidħol fi triq tal ġenb trid taqsam il-lane tiegħu biex tidħol ġo fiha. Hekk qed nifhem jien. Dhalt fil-lane ta l-iehor jew le?

Xhud: Iva.

Avu X`gara ezatti waqt li qed iddur.

Xhud: Waqt li qed indur jiena di bilfors dit-triq qeghda 2 ways jaghddu tnejn hu niezel u jiena tielgha imma jien waqaft bl-indicator biex nidhol f`dit-triq jiena ma rajtux bil-mutur għax qed ngħidlek niżla veru niżel bis-saħħa kien għadu l-bogħod għax ma kienx jidher.

Qorti: Kieku nizel bis-sahha sinjur baghttu ghand il-bambin.

Avu: Xejn iktar.

Xhud: U dhalt go dit-triq biex nixtri mil-hanut. U ilħaqt dħalt kważi jiena ghax hu dahal fit-tarf ta' wara tal-petrol.

Avu: Xejn iktar mix-xhud.

Pros: F'liema sinjur inti qed issemmi li ilha tqum man naħa ta' wara.

Qorti: X`qallek ix-xhud l-iehor dan ġie quddiemu ghall- xi raġuni ma pprova jevitah dan ovvjament baqa' għaddej dan għamel hekk għaallura laqtu fuq wara daħal kważi daħal dik id-differenza għal-kważi.

Pros: F'liema stadju rajtu tal-mutur inti?

Xhud: X`hin gie mieghi. Għax hi qiegħda għan-niżla u mutur għan-niżla kien tard għax-xogħol u hekk.

Pros: U inti ghat-telgha zammejt il-brake u hekk?

Xhud; Le ghat-telgha kont wieqaf jien qed nistenna biex indur ghall go dit-triq qed tifhem jien ma kontx gej miexi jien kont wieqaf kif ma rajt lil hadd

Pros: M`ghandix mistoqsijiet.

**Ikkunsidrat**

Fil-kamp kriminali il- provi iridu ikunu “beyond a reasonable doubt”. Ix-xhud Joseph Zammit indika li s-sena tal-incident kien 2021 u mhux 2020. Dan huwa dettal sinifikanti u dan ifisser li ma intlahaqx l-livell ta’ provi rikjest fil-kamp kriminali . u bhekk l-imputazzjonijiet odjerni mhux ippruvati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li Rat l-artikoli 328(c) tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta ma ssibx lil Noel Micallef hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**